Nru./No. 21,047
Prezz/Price
€1.80

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tlieta, 2 ta' Mejju, 2023
Tuesday, 2nd May, 2023

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 4889 - 4894
Government Notices ..... *4889 - 4894*

Avviżi tal-Pulizija ..... 4894 - 4896
Police Notices ..... *4894 - 4896*

Avviżi lill-Baħħara 4896
Notices to Mariners *4896*

Avviżi tal-Gvern ..... 4896 - 4897
Notices ..... *4896 - 4897*

Offerti ..... 4898 - 4900
Tenders ..... *4898 - 4900*

Avviżi tal-Qorti ..... 4900 - 4924
Court Notices ..... *4900 - 4924*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 561

BORD TA' MONITORAĠĠ TAL-FAĊILITÀ KORRETTIVA TA' KORDIN

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-President ta' Malta approva l-ħatra tas-Sa Mariette Borg Zammit bħala Membru fuq il-Bord ta' Monitoraġġ tal-Faċilità Korrettiva ta' Kordin minflok is-Sur Mauro Farrugia.

Din il-ħatra tibqa' fis-seħħ sal-1 ta' Settembru, 2024.

It-2 ta' Mejju, 2023

GOVERNMENT NOTICES

No. 561

CORRADINO CORRECTIONAL FACILITY MONITORING BOARD

IT is being notified for general information that the President of Malta has approved Ms Mariette Borg Zammit's nomination as Member on the Corradino Correctional Facility Monitoring Board in lieu of Mr Mauro Farrugia.

This nomination shall remain valid till 1st September, 2024.

2nd May, 2023

Nru. 562

PUBBLIKAZZJONI TA' ABBOZZ TA' LIĠI FIS-SUPPLIMENT

HUWA avżat għall-informazzjoni ġenerali illi l-Abbozz ta' Liġi li ġej huwa ppubblikat fis-Suppliment li jinsab ma' din il-Gazzetta:

Abbozz ta' Liġi Nru 55 imsejjaħ l-Att tal-2023 li jemenda l-Att dwar il-Logħob.

It-2 ta' Mejju, 2023

No. 562

PUBLICATION OF BILL IN SUPPLEMENT

IT is notified for general information that the following Bill is published in the Supplement to this Gazette:

Bill No. 55 entitled the Gaming (Amendment) Act, 2023.

2nd May, 2023

Nru. 563

ATT DWAR L-ARBITRU GĦAS-SERVIZZI FINANZJARJI (KAP. 555)

Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi, bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-Artikolu 14 tal-Att dwar l-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji (Kap. 555), il-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol approva l-ħatra tas-Sur Alfred Mifsud, FCIB, Dip. FS, MBA (Financial Services) Sheffield, bħala l-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji.

Din il-ħatra tibqa' fis-seħħ għall-perjodu ta' seba' snin sat-28 ta'April, 2030.

Id-29 ta' April, 2023

No. 563

ARBITER FOR FINANCIAL SERVICES (CAP. 555)

Arbiter for Financial Services

IT is notified for general information that, in exercise of the powers conferred by Article 14 of the Arbiter for Financial Services Act (Cap. 555), the Minister for Finance and Employment has appointed Mr Alfred Mifsud, FCIB, Dip. FS, MBA (Financial Services) Sheffield, as the Arbiter for Financial Services.

This appointment remains valid for a period of seven years up to 28th April, 2030.

29th April, 2023

Nru. 564

AVVIŻI LEGALI PPUBBLIKATI FIS-SUPPLIMENT MAL-GAZZETTA TAL-GVERN

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Avviżi Legali li ġejjin ġew ippubblikati fis-Suppliment

No. 564

LEGAL NOTICES PUBLISHED IN THE SUPPLEMENT TO THE GOVERNMENT GAZETTE

IT is notified for general information that the following Legal Notices were published in the Supplement to the

mal-Gazzetta tal-Gvern Nru. 21,046 tat-28 ta' April, 2023 (Avviżi Legali 100 sa 103).

A.L. 100 tal-2023: Att dwar il-Produzzjoni tal-Kannabis għal Skopijiet Mediċinali u ta' Riċerka (Kap. 578); Regolamenti tal-2023 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Drittijiet għall-Produzzjoni tal-Kannabis għal Skopijiet Mediċinali u ta' Riċerka.

A.L. 101 tal-2023: Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika (Kap. 595), Ordni tal-2023 li jwaqqaf l-Aġenzija għas-Servizzi ta' Detenzjoni (A.L. 31 tal-2023)(L.S. 595.45); Avviż ta' Bidu fis-Seħħ.

A.L. 102 tal-2023: *Plant Quarantine Act (Cap. 433); Protective Measures Against Pests of Plants and Related Official Controls and Other Official Activities (Amendment) Regulations, 2023*.

A.L. 103 tal-2023: Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327); L-Istatut biex Jemenda l-Istatut għall-Eżamijiet tal-Matrikola u għaċ-Ċertifikat tal-Edukazzjoni Sekondarja.

It-2 ta' Mejju, 2023

Government Gazette No. 21,046 of 28th April, 2023 (Legal Notices 100 to 103).

L.N. 100 of 2023: Production of Cannabis for Medicinal and Research Purposes Act (Cap. 578); Production of Cannabis for Medicinal and Research Purposes (Fees) (Amendment) Regulations, 2023.

L.N. 101 of 2023: Public Administration Act (Cap. 595), Detention Services Agency (Establishment) Order, 2023 (L.N. 31 of 2023) (S.L. 595.45); Commencement Notice.

L.N. 102 of 2023: Plant Quarantine Act (Cap. 433); Protective Measures Against Pests of Plants and Related Official Controls and Other Official Activities (Amendment) Regulations, 2023.

L.N. 103 of 2023: Education Act (Cap. 327); Statute for the Matriculation and Secondary Education Certificate Examinations (Amendment).

2nd May, 2023

Nru. 565

TERMINAZZJONI TA' KIRI TA' RABA'

DIKJARAZZJONI MILL-AWTORITÀ TAL-ARTIJIET

JIEN hawnhekk niddikjara illi l-art hawn taħt imsemmija, li hija proprjetà tal-Gvern, hija meħtieġa għal skop pubbliku skont id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar Artijiet tal-Gvern (Kap. 573) tal-Liġijiet ta' Malta.

It-2 ta' Mejju, 2023
(File No. L/0781/1965)

Deskrizzjoni tal-Art

L-art li ġejja fiż-Żejtun, Malta:

Biċċa art tal-kejl ta' madwar 3965 metru kwadru, li tmiss mit-Tramuntana u mill-Punent ma' triq pubblika u min-Nofsinhar ma' proprjetà tal-Gvern jew irjieħ verjuri u hija reġistrata fir-rekords tal-Awtorità bħala parti mit-tenement numru 50778.

L-art hawn fuq imsemmija fi Triq San Ġużepp, fiż-Żejtun, Malta, qiegħda tiġi terminata b'konnessjoni ma' użu temporanju bħala maħżen u x-xogħlijiet relatati tal-Korporazzjoni tas-Servizzi tal-Ilma.

No. 565

TERMINATION OF AGRICULTURAL LEASE

DECLARATION BY THE LANDS AUTHORITY

I hereby declare that the under-mentioned land, which is Government property, is required for a public purpose in accordance with the provisions of the Government Lands Act (Cap. 573) of the Laws of Malta.

2nd May, 2023

Description of the Land

The following land at Żejtun, Malta:

A plot of land measuring about 3965 square metres, bounded on the North and West by a public road and on the South by Government property or more precise boundaries and is registered on Authority records as part of tenement number 50778.

The above-mentioned land in Triq San Ġużepp, at Żejtun, Malta, is being terminated in connection with the temporary use as a store and related works of the Water Services Corporation.

L-art hawn fuq imsemmija tidher immarkata bil-kulur blu fuq il-pjanta P.D. 2023_0182, li wieħed jista' jara fuq talba fl-Awtorità tal-Artijiet, Il-Berġa tal-Baviera, Il-Belt Valletta.

(Iff.) Dott. John Vassallo, LLD
Chairperson tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorità tal-Artijiet

Il-25 ta' April, 2023

The above-mentioned land is shown marked with the colour blue on plan P.D. 2023_0182, which may be viewed on demand at the Lands Authority, Auberge de Baviere, Valletta.

(Sgd) Dr John Vassallo, LLD
Chairperson of the Board of Governors of the Lands Authority

25th April, 2023

Nru. 566

AKKWIST TA' ART

PROKLAMA TAL-AWTORITÀ TAL-ARTIJIET

Billi bl-artikolu 71 skont l-Att dwar Artijiet tal-Gvern (Kap. 573) tal-Liġijiet ta' Malta, huwa pprovdut illi l-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorità tal-Artijiet jista' għal skopijiet pubbliċi, jiddikjara b'avviż illi l-art hija suġġetta għall-jedd ta' taħt wiċċ l-art.

U billi hu meħtieġ illi l-proprjetà msemmija fl-iskeda mdaħħla hawnhekk tiġi ddikjarata suġġetta għal dritt ta' taħt wiċċ l-art.

Issa, għalhekk, jiena, bis-saħħa tal-artikolu 71 tal-imsemmija Att, b'din niddikjara illi l-proprjetà msemmija fl-iskeda mdaħħla hawnhekk hija suġġetta għal dritt ta' taħt wiċċ l-art.

It-2 ta' Mejju, 2023
(File No. L0394/2022)

Skeda

Art f'San Ġiljan:

1. L-imsemmi dritt ta' taħt wiċċ l-art jikkonsisti sabiex isir ħaffir ta' trinka ta' madwar 52 metru twila, b'1.95 metru wiesgħa u b'1.65 metru fond varju u tqegħid ta' servizzi għal żmien indefinit, f'biċċa art tal-kejl ta' madwar 88 metru kwadru, liema art tmiss mill-Majjistral ma' triq pubblika u mil-Lvant u min-Nofsinhar ma' proprjetà ta' sidien mhux magħrufa jew irjieħ verjuri.

L-art hawn fuq imsemmija hija murija fuq il-pjanta mmarkata P.D.2022_0554, li wieħed jista' jara fuq talba fl-Awtorità tal-Artijiet, il-Berġa tal-Baviera, Il-Belt Valletta.

(Iff.) Dott. John Vassallo
Chairperson tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorità tal-Artijiet

Il-25 ta' April, 2023

No. 566

ACQUISITION OF LAND

PROCLAMATION BY THE LANDS AUTHORITY

Whereas by the provisions of section 71 in accordance with the Government Lands Act (Cap. 573) of the Laws of Malta, the Board of Governors of the Lands Authority can for public purposes, declare that the land is subject to subsoil rights.

And whereas it is required that the property mentioned in this schedule is declared subject to subsoil rights.

Now, therefore, I, by means of the powers of section 71 of the mentioned Act, hereby declare that the property mentioned in this schedule is subject to subsoil rights.

2nd May, 2023

Schedule

Land in San Ġiljan:

1. The mentioned subsoil rights consisting in the digging of a trench about 52 metres long, with a width of 1.95 metres and variable depth of 1.65 metres and laying of services for an indefinite period, in a plot of land of the area of about 88 metres square, which field is bounded on the northwest by a public road and on the east and on the south by property of unknown owners or more precise boundaries.

The above-mentioned land is shown on plan marked P.D. 2022_0554 which may be viewed on demand at the Lands Authority, Auberge de Baviere, Valletta.

(Sgd) Dr John Vassallo
Chairperson of the Board of Governors of the Lands Authority

25th April, 2023

Nru. 567

AVVIŻ GĦALL-GĦANIJIET TAL-ATT TAL-1996 DWAR GWARDJANI PRIVATI U UFFIĊJALI TAL-KOMUNITÀ (KAP. 389)

IL-KUMMISSARJU tal-Pulizija, skont l-artikoli 7 u 8 tal-Att tal-1996 dwar Gwardjani Privati u Uffiċjali tal-Komunità, b'din jgħarraf li rċieva dawn l-applikazzjonijiet kif imsemmija hawn taħt:

No. 567

NOTICE IN TERMS OF THE PRIVATE GUARDS AND COMMUNITY OFFICERS (CAP. 389)

THE Commissioner of Police, in terms of articles 7 and 8 of the Private Guards and Community Officers Act 1996, hereby notifies that the following applications as mentioned hereunder have been received:

Applikazzjoni ghall-liċenzja bħala Gwardjani Privati
Application for licence of a Private Guard

Isem u kunjom *Name and Surname*	Nru. tal-Karta tal-Identità *Identity Card No.*	Indirizz *Address*
Hussain Abdur Rahman Mohammed	286656A	Waterloo Flat 8, Triq il-Hgejjeg, San Pawl il-Baħar
Asif Nazir	354302A	4, Misraħ Tas-Suq, Ħal Tarxien
Omar Micallef	454982M	96 Kaymar, Triq Blat il-Qamar, Is-Siġġiewi
Theodora Cassar	297083M	93, Triq Santa Monika, Raħal Ġdid
Maxsim Lyubenov Limov	40481A	27, Mira, Flat 4, Triq Ball, San Ġiljan
Alexander Borg	746261M	8, Triq Franġisk Zahra, Il-Mellieħa
Carmel Pace	490958M	68, Canary Wharf, Flat 2, Vjal Kottoner, Il-Fgura
Diane Avellino	203274M	114, St John, Flat 1, Triq il-Wilġa, Ħal Luqa
Asad Hassan	305925A	175, Casfen Crt, Flat 5, Triq Sir Luigi Preziosi, San Pawl il-Baħar
Abhimanyu Gaddam	312031A	Villa Carville, Triq it-Tiben, Is-Swieqi
Dawa Moktan	294965A	135, Uplands, Blk B 14, Flat 6, Triq id-Duluri, Tal-Pietà
Joseph Fenech	24757G	15, Triq il-Madonna tal-Ħniena, Ix-Xewkija, Għawdex
Zaheer Iqbal	316047A	18, Deluxe, Triq l-Apparell, Ħal Luqa
Sasa Vukas	179513A	17, Rosette, Flat 1, Triq il-Makna tas-Serrar, L-Imsida
Nazzarenu Mifsud	26666G	Edelweiss, Triq il-Parsott, Ix-Xagħra. Għawdex
Renald Casha	268583M	50, Triq il-Qalb Imqaddsa, Birkirkara
Ankit Adhikari	338497A	Millenium, Flat 2, Triq Ta' Ġawhar, Ħal Safi
Sagar Bhattarai	336075A	Millenium, Flat 2, Triq Ta' Ġawhar, Ħal Safi
Md Shahbaz Alam	338732A	Millenium, Flat 2, Triq Ta' Ġawhar, Ħal Safi
Jayandra Kumar Shah	331329A	18, St Paul's Triq Britannja, Il-Mosta
Rajinder Kumar	365343A	45, Flat 1, Triq Birkirkara, San Ġiljan
Asif Khan	268965A	7, Triq Kordin, Raħal Ġdid
Slavica Dordevic Stankovic	232642A	Fontanella Gardens Lilies, Flat 3, Triq il-Kappillan Ġużepp Hili, Il-Fontana, Għawdex
Rosa Stojanovska	232884A	44, Anfield Crt, Flat 2, Triq ir-Ramel, San Pawl il-Baħar
Tiffany Amber Mamo	353900L	5, Dar El-Atrash, Triq Godwin Ganado, Ir-Rabat
Kyle Busuttil	517496M	72, Triq Bellic, Ħal Qormi
Subash Shrestha	288594A	8B, Sqaq Bazzaru, Birkirkara
Paolina Portelli	262663M	Marthese Crt, Flat 5, Triq l-Artillieri, Marsaskala
Kouakou Fulgence Koffi	82859A	Somares, Flat 30, Triq il-Ħġejjeġ, San Pawl il-Baħar
Hussain Ahmad	285049A	23, Rembrandt Crt, Flat 1B, Trejqa ta' Box Box, L-Imsida
Josef Cutajar	570191M	Blk 3, Ent. O, Flat 1, Triq Patri Ġustin Sant, Santa Venera
Claudio Mifsud	58676M	32, Triq is-Sajjieda, Il-Marsa

Josianne Xuereb	357890M	Ta' Paris, Blk C3, Flat 16, Triq Fonsu Marija Galea, Birkirkara
Florante Zurita	370146A	10, Flat 3, Triq Sant'Antnin, Birkirkara
Maria Farrugia	219783M	73, Triq San Luqa, Iż-Żurrieq
David Ukonna Chibueze	41169A	103, Rose, Flat 4, Triq is-Sajjied, San Pawl il-Baħar
Amir Mehmood	247969A	28, Triq San Pietru, Ħal Qormi
Justin Camenzuli	522985M	1B, Triq l-Imtieħen, Il-Belt Valletta
Francesco Zappalà	363201L	34, Casa Sicilia, Triq is-Siegħ, Is-Swieqi
Susan Vella	329770M	41, Flat 2, Triq Mons. Alfons Caruana, L-Imqabba
Anton Demicoli	117981M	11, Alemania, Triq ix-Xarolla, Ħ'Attard
Lomash Chaudhary	335667A	8, Kingsbridge, Flat 4, Iċ-Ċirku tal-Imsida, L-Imsida
Daniel Joseph Miller Zheng	336205A	33, Crecent, Blk D, Flat 12, Triq id-Denfil, San Pawl il-Baħar
Tyron Axisa	432977M	Fortina, Flat 6, Triq in-Naspli, Marsaskala
Marco Debattista	184265M	Eks Skola Teknika, Blk B, Flat 6, Triq l-Imdina, Birkirkara
Mohan Poudel	279072A	91, Expomax, Blk A, Flat 3, Triq Mons. Innoċenz Zammit, L-Imsida
Elton John Gauci	571579M	Tat-Tomna, Triq il-Qasam Barrani, Il-Mellieħa
Syed Waqas Muhammad	359746A	242, Georita, Triq il-Kungress Ewkaristiku, Il-Mosta
Charmaine Vella	65678M	84B, Ta' Salvu, Triq ir-Ramla tat-Torri l-Abjad, Il-Mellieħa
Ganesh Kesavarapu	285892A	Pompei Crt, Flat 8, Triq Dun Karm, L-Imsida
Jason Cutajar	504972M	43, Jason, Triq Luqa Briffa, Il-Gżira
Pedro Cassar	277283M	Andalucia, Triq l-Iskola, Ħal Tarxien
Indra Bahadur Ghale	315823A	25, Isabelle Crt, Flat 4, Triq Toni Bajada, San Pawl il-Baħar
Russell Scicluna	14988M	52, Triq il-Ħelsien, Ix-Xewkija, Għawdex
Ali Raza Anwar	368523A	56, Ix-Xatt Ta' Xbiex, L-Imsida
Teresa Caruana	347062M	2, Valleyview, Flat 3, Triq il-Kbira, Is-Siġġiewi
Rajendhar Kethireddy	259945A	Vilhena Crt, Flat 1, Triq il-Ħaġar, Il-Mosta
Al Husseini Al Meadawi Hassan Ibrahim	10395M	114, Flat 2, Triq Biżżieni, Sqaq Nru. 5, Ħaż-Żabbar
Natalia Micallef	237004L	37A, Flat 1, Triq G. Aguis Muscat, Ħaż-Żabbar
Cynthia Catania	215476M	87, Shalom, Triq iċ-Ċinju, Il-Mosta
Sherianne Grixti	28403L	60, Flat 6, Triq l-Isptar, Il-Belt Valletta
Christopher Cauchi	215685M	173, Triq ix-Xatt, Tal-Pietà

Kull persuna tista', fi żmien xahar mill-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż, toġġezzjona bil-miktub lill-Kummissarju dwar il-ħruġ ta' dawn il-liċenzi għal xi waħda mir-raġunijiet imsemmija fl-artikolu 10 tal-Att tal-1996 dwar Gwardjani Privati u Uffiċjali tal-Komunità, li huma:

(a) meta l-applikant jew xi uffiċjali tal-applikant jew persuna oħra li jkollha kontroll effettiv tas-servizzi li jkunu se jiġu pprovduti mill-applikant.

(i) tkun instabet ħatja f'Malta jew xi mkien ieħor ta' xi delitt kontra s-sigurtà tal-Istat, jew ta' xi offiża volontarja fuq il-persuna jew ta' xi delitt kontra proprjetà jew kontra l-fiduċja pubblika jew ta' xi delitt gravi ieħor; jew

(ii) tkun iddikjarata falluta jew meta l-qagħda finanzjarja tagħha tkun prekarja jew xort'oħra tagħmel lill-applikant mhux adatt; jew

Any person may, within one month from the publication of this notice, object in writing to the Commissioner about the issue of the above licences on any of the grounds listed in section 10 of the Private Guards and Community Officers Act 1996, which are:

(a) where the applicant or any officer of the applicant or any person who has an effective control of the services to be provided by the applicant.

(i) has been convicted in Malta or elsewhere of any crime against the safety of the state, or of any crime of voluntary harm or injury to any person or any crime against property or public trust or any other serious crime; or

(ii) has been declared bankrupt or his financial position is precarious or otherwise renders the applicant unsuitable; or

(iii) tkun tkeċċiet mill-pulizija jew mill-forzi armati jew mis-servizz tal-ħabs minħabba xi reat jew xi nuqqas ieħor fl-imġiba; jew(b) dwar xi tagħrif li jkun ta' interess pubbliku; jew

(iv) tkun uffiċjal pubbliku jew membru tal-Pulizija jew Forzi Armati jew tas-servizz tal-ħabs; jew

(b) dwar xi tagħrif li jkun ta' interess pubbliku; jew

(c) meta l-applikant ma jkollux il-kwalifiki meħtieġa kif jista' jkun preskritt bl-Att jew taħtu.

It-2 ta' Mejju, 2023

Nru. 568

ATT XXI TAL-1991 DWAR L-ELEZZJONIJIET ĠENERALI (KAP. 354) U ATT XVI TAl-2003 DWAR L-ELEZZJONIJIET GĦALL-PARLAMENT EWROPEW (KAP. 467)

Reġistri Elettorali

SKONT id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 33 tal-Att tal-1991 dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali, kif emendat bl-Att XV tal-1996, ġie ppubblikat ir-Reġistru Elettorali rivedut mal-Gazzetta tal-Gvern Nru. 21,046 tal-Ġimgħa, 28 ta' April, 2023.

Ġie ppubblikat ukoll mal-istess Gazzetta, skont l-artikolu 13 tal-Att tal-2003 dwar l-Elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew, ir-Reġistru Elettorali tal-Unjoni Ewropea.

It-2 ta' Mejju, 2023

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 79

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont il-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 65.05 u l-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 65.13, it-toroq hawn taħt imsemmija se jiġu kklasifikati bħala Żoni ta' Rmonk kif indikat hawn taħt fid-dati u ħinijiet indikati.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan jista' jagħti l-każ li ma jkunux jistgħu jgħaddu jew jiddawru mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Iż-Żurrieq

Nhar il-Ħadd, 7 ta' Mejju, 2023, mill-5.00 p.m. 'il quddiem minn Triq P.P. Saydon, Triq il-Ħaddiema, Triq l-Inġiniera, Triq iċ-Ċombini, Triq il-Kbira u Misraħ ir-Repubblika.

Trasport pubbliku se jkun affettwat.

(iii) has been discharged from the police or armed forces or the prison services because of any offence or other misbehaviour; or

(iv) is a public officer or a member of the police or armed forces or the prison services; or

(b) when information is available which is in the public interest; or

(c) where the applicant does not possess the necessary qualifications as may be prescribed by or under the Act.

2nd May, 2023

No. 568

GENERAL ELECTIONS ACT XXI , 1991 (CAP. 354) AND ACT XVI OF 2003 FOR ELECTIONS TO THE EUROPEAN PARLIAMENT (CAP. 467)

Electoral Registers

IN accordance with the provisions of section 33 of the General Elections Act 1991, as amended by Act XV of 1996, a revised Electoral Register was published with Government Gazette No. 21,046 of Friday, 28th April, 2023.

Also published with the same Gazette, according to section 13 of the European Parliament Elections Act, 2003, is the European Union Electoral Register.

2nd May, 2023

POLICE NOTICE

No. 79

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Subsidiary Legislation 65.05 and Subsidiary Legislation 65.13, the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones.

In virtue of Section 52 (1) of the Traffic Regulations (Chapter 65). The Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder may be prohibited on the dates and times indicated.

Żurrieq

On Sunday, 7th May, 2023, from 5.00 p.m. onwards, through Triq P. P. Saydon, Triq il-Ħaddiema, Triq l-Inġiniera, Triq iċ-Ċombini, Triq il-Kbira and Misraħ ir-Repubblika.

Public transport will be affected.

Santa Venera

Nhar it-Tnejn, 8 ta' Mejju, 2023, mis-6.30 p.m. sat-8.30 p.m., purċissjoni mill-knisja parrokjali fi Triq il-Kbira San Ġużepp, Triq il-Parroċċa u lura għal knisja;

Nhar is-Sibt, 3 ta' Ġunju, 2023, mill-4.00 p.m. sal-5.30 p.m., purċissjoni mill-Mużew tal-Bniet fi Triq il-Kardinal Xiberras, Triq Brighella, Triq il-Qalb Imqaddsa u Triq il-Kbira San Ġużepp sal-knisja parrokkjali ta' Santa Venera;

Nhar il-Ħadd, 4 ta' Ġunju, 2023, mit-8.00 a.m. sad-9.30 a.m., purċissjoni miċ-ċentru parrokkjali fi Triq il-Kbira San Ġużepp sal-knisja parrokkjali ta' Santa Venera.

M'hemmx bżonn clearance, għeluq ta' triq u trasport pubbliku se jkun affettwat.

Nhar il-Ħadd, 11 ta' Ġunju, 2023, mis-6.30 p.m. sat-8.30 p.m., purċissjoni mill-knisja parrokkjali fi Triq il-Kbira San Ġużepp, Triq l-Imsida, Triq Misraħ il-Barrieri u Misraħ Santa Venera sa quddiem il-knisja l-qadima ta' Santa Venera.

Hemm bżonn clearance f'Misraħ Santa Venera mill-4.00 p.m. sad-9.30 p.m.

Għeluq ta' triq u trasport pubbliku se jkun affettwat.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

It-2 ta' Mejju, 2023

Santa Venera

On Monday, 8th May, 2023, from 6.30 p.m. till 8.30 p.m., procession from parish church in Triq il-Kbira San Ġużepp, Triq il-Parroċċa and back to church;

On Saturday, 3rd June, 2023, from 4.00 p.m. till 5.30 p.m., procession from Girls' Museum in Triq il-Kardinal Xiberras, Triq Brighella, Triq il-Qalb Imqaddsa and Triq il-Kbira San Ġużepp till Santa Venera parish church;

On Sunday, 4th June, 2023, from 8.00 a.m. till 9.30 a.m., procession from parish centre in Triq il-Kbira San Ġużepp till Santa Venera parish church.

No clearance, closure of street and public transport will be affected.

On Sunday, 11th June, 2023, from 6.30 p.m. till 8.30 p.m., procession from parish church in Triq il-Kbira San Ġużepp, Triq l-Imsida, Triq Misraħ il-Barrieri u Misraħ Santa Venera till in front of Santa Venera old church.

Clearance needed in Misraħ Santa Venera from 4.00 p.m. till 9.30 p.m.

Closure of street and public transport will be affected.

Any vehicles found parked in contravention to the order of this notice are liable to be towed away.

2nd May, 2023

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 80

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Marsaxlokk

Nhar is-Sibt, 3 ta' Ġunju, 2023, mit-3.30 p.m. sal-4.00 p.m., minn Triq San Ġużepp, Triq Santa Katarina u Triq Duncan.

Għeluq tat-triq sakemm tgħaddi l-purċissjoni u trasport pubbliku se jkun ukoll affettwat.

Ħal Safi

Nhar il-Ħadd, 4 ta' Ġunju, 2023, mill-10.00 a.m. sal-10.20 a.m., minn Triq Santa Marija, Triq il-Kenn, Misraħ il-Knisja u quddiem il-knisja parrokkjali;

POLICE NOTICE

No. 80

In virtue of Article 52(1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit of vehicles from the streets mentioned hereunder will be suspended on the dates and times indicated.

Marsaxlokk

On Saturday, 3rd June, 2023, from 3.30 p.m. till 4.00 p.m., through Triq San Ġużepp, Triq Santa Katarina and Triq Duncan.

Closure of street only till the passing of the procession and public transport will also be affected.

Ħal Safi

On Sunday, 4th June, 2023, from 10.00 a.m. till 10.20 a.m., through Triq Santa Marija, Triq il-Kenn, Misraħ il-Knisja and in front of parish church;

Nhar il-Ħadd, 4 ta' Ġunju, 2023, mis-6.45 p.m. sat-8.00 p.m., minn Misraħ il-Knisja, Triq San Pawl, Triq San Ġużepp, Misraħ San Ġużepp, Triq Santa Marija, Triq il-Kenn, Triq Ta' Ġawhar, Triq l-Iskola u Triq iż-Żurrieq u quddiem il-knisja parrokkjali.

Għeluq ta' triq sakemm tgħaddi l-purċissjoni u trasport pubbliku se jkun ukoll affettwat.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

It-2 ta' Mejju, 2023

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 68 of 2023

Emenda għal Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 21 tal-2023 dwar Investigazzjoni Ġeoteknika f'Ras Ħanzir – Kordin fil-Port il-Kbir

B'referenza għal Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 21 tal-2023

Id-Direttorat tal-Portijiet u l-Yachting, Transport Malta, javża lill-baħħara u s-sidien tal-bastimenti li l-investigazzjoni ġeoteknika li qed issir f'Ras Ħanzir – Kordin fil-Port il-Kbir, il-Belt Valletta, mhux se titlesta fiż-żmien kif ippjanat. Għalhekk id-data tat-tlestija qed tiġi estiża sat-Tlieta, 30 ta' April, 2024.

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 21 tal-2023 għandu jiġi emendat skont dan.

L-informazzjoni l-oħra kollha msemmija f'Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. tal-2023 se tibqa' valida.

Chart affettwata: BA 177

It-2 ta' Mejju, 2023

KUNSILL LOKALI R-RABAT (MALTA)

Sospensjoni tat-Traffiku

Il-Kunsill Lokali r-Rabat jgħarraf li nhar il-Ħamis, 11 ta' Mejju, 2023, mid-9.30 a.m. san-12.30 p.m. Triq Ħal Tartarni, se tkun magħluqa għat-traffiku inkluż it-trasport pubbliku. Uffiċjali tal-Komunità se jkunu fuq il-post sabiex jiddevjaw it-traffiku.

It-2 ta' Mejju, 2023

On Sunday, 18th June, 2023, from 6.45 p.m. till 8.00 p.m., through Misraħ il-Knisja, Triq San Pawl, Triq San Ġużepp, Misraħ San Ġużepp, Triq Santa Marija, Triq il-Kenn, Triq Ta' Ġawhar, Triq l-Iskola and Triq iż-Żurrieq and in front of the parish church.

Closure of streets only till the passing of the procession and public transport will also be affected.

Any vehicles found parked in contravention to the order of this notice are liable to be towed away.

2nd May, 2023

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 68 of 2023

Amendment to Local Notice to Mariners No. 21 of 2023 regarding Geotechnical Investigation at Ras Ħanzir – Corradino in the Grand Harbour

Reference is made to Local Notice to Mariners No. 21 of 2023

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies mariners and owners of vessels that the geotechnical investigation being carried out at Ras Ħanzir – Corradino in the Grand Harbour, Valletta, will not be completed within the time, as planned. The completion date is therefore being extended to Tuesday, 30th April, 2024.

Local Notice to Mariners No. 21 of 2023 is to be amended accordingly.

All the other information mentioned in Local Notice to Mariners No. 21 of 2023 will remain valid.

Chart affected: BA 177

2nd May, 2023

RABAT (MALTA) LOCAL COUNCIL

Suspension of Traffic

The Rabat Local Council notifies that on Thursday, 11th May, 2023, Triq Ħal Tartarni shall be closed for traffic, including public transport from 9.30 a.m. till 12.30 p.m. Community Officers shall be on site to divert traffic flow.

2nd May, 2023

ATT DWAR GVERN LOKALI
(KAP. 363)

Avviż

Bis-saħħa tar-regolament 88 tat-Tielet Skeda tal-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363), il-Kummissjonarji Elettorali b'dan javżaw illi se ssir elezzjoni każwali biex jimtela l-post ta' Kunsillier għall-Kunsill Lokali ta' Ix-Xagħra.

J. CAMILLERI
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali

Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali,
Ex-Trade Fair Grounds,
In-Naxxar.

It-2 ta' Mejju, 2023

LOCAL GOVERNMENT ACT
(CAP. 363)

Notice

By virtue of regulation 88 of the Third Schedule of the Local Councils Act (Cap. 363), the Electoral Commissioners hereby notify that a casual election is being held to fill the vacancy of a Councillor for the Local Council of Ix-Xagħra.

J. CAMILLERI
Chief Electoral Commissioner

Office of the Electoral Commission,
Ex-Trade Fair Grounds,
In-Naxxar.

2nd May, 2023

ATT DWAR GVERN LOKALI
(KAP. 363)

Avviż

Skont id-dispożizzjonijiet tar-regolament 89 tat-Tielet Skeda tal-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363), il-Kummissjonarji Elettorali javżaw illi huma se jkunu fl-Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali, Pjazza San Franġisk, ir-Rabat, Għawdex, nhar l-Erbgħa, 3, il-Ħamis, 4 u l-Ġimgħa, 5 ta' Mejju, 2023 mill-10.00 a.m. sa nofsinhar biex jirċievu nominazzjonijiet ta' kandidati għall-elezzjoni każwali ta' Kunsillier għall-Kunsill Lokali ta' Ix-Xagħra.

Il-kandidati jistgħu jissottomettu n-nomina tagħhom onlajn permezz tal-link (https://electoral.gov.mt/nominations) mill-10.00 a.m. tal-Erbgħa, 3 ta' Mejju, 2023 sa nofsinhar tal-Ġimgħa, 5 ta' Mejju, 2023 (ħin ta' Malta).

Il-kandidati prospettivi huma avżati li jridu jippreżentaw il-Karta tal-Identità tagħhom. F'każ li l-formola tan-nomina se tiġi ppreżentata mir-rappreżentant tal-kandidat minħabba raġuni ta' mard u safar, ir-rappreżentant għandu jissottometti prokura mill-kandidat li tkun speċifika għal dan il-għan u awtentikata minn Nutar Pubbliku. Ma' kull nomina għandu jsir depożitu ta' €90.

Il-Kummissjoni Elettorali tavża wkoll li se tkun qed tivverifika l-validità tal-kandidatura/i sottomessi, bejn nofsinhar tal-Ġimgħa, 5 ta' Mejju, 2023 u nofsinhar tat-Tnejn, 8 ta' Mejju, 2023.

J. CAMILLERI
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali

Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali,
Ex-Trade Fair Grounds,
In-Naxxar.

It-2 ta' Mejju, 2023

LOCAL GOVERNMENT ACT
(CAP. 363)

Notice

In accordance with the provisions of regulation 89 of the Third Schedule of the Local Councils Act (Cap. 363), the Electoral Commissioners notify that they will be in attendance at the Office of the Electoral Commission, St Francis Square, Rabat, Gozo, on Wednesday, 3rd, Thursday, 4th and Friday, 5th May, 2023 from 10.00 a.m. to noon to receive nominations of candidates for the casual election of a Councillor for the Local Council of Ix-Xagħra

Candidates may submit their nomination online through the link: (https://electoral.gov.mt/nominations) from 10.00 a.m. of Wednesday, 3rd May, 2023 till noon of Friday, 5th May, 2023 (Malta time).

Prospective candidates are advised that they must present their Identity Card. In case of illness or being abroad, the nomination form needs to be submitted by a representative of the candidate. The representative must present a power of attorney drawn up exclusively for the purpose and authenticated by a Notary Public. A deposit of €90 is applicable with every nomination.

The Electoral Commission also notifies that it will verify the validity of the submitted candidature/s between noon of Friday, 5th May, 2023 and noon of Monday, 8th May, 2023.

J. CAMILLERI
Chief Electoral Commissioner

Office of the Electoral Commission,
Ex-Trade Fair Grounds,
In-Naxxar.

2nd May, 2023

AWTORITÀ TAL-ARTIJIET

L-Uffiċjal Kap Eżekuttiv, Awtorità tal-Artijiet, jgħarraf li:

Offerti ssiġillati għall-avviżi li ġejjin għandhom jintefgħu fil-kaxxa tal-offerti tal-Awtorità tal-Artijiet, Berġa tal-Baviera, Il-Belt Valletta, sal-10.00 a.m. tal-Ħamis, 11 ta' Mejju, 2023.

Avviż Nru. 19. Kiri għall-perjodu ta' ħmistax-il (15) sena għal skopijiet kummerċjali tal-fond tale quale f'Nru. 11, Triq il-Lvant, Il-Belt Valletta, kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D.2020_0790. Din il-proprjetà qed tiġi offruta b'tender fl-istat li tinsab fih inklużi xi difetti li jista' jkun hemm moħbija. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €20,250 hekk kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' sitt elef u seba' mija u ħamsin ewro (€6,750) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir il-ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Avviż Nru. 20. Kiri, għall-perjodu li fadal tal-kirja preżenti li jintemm fil-14 ta' Marzu, 2024, tal-ħanut vojt tale quale f'Nru. 1, Triq Ħal Tarxien fil-Qasam tad-Djar Tal-Mitħna, Il-Gudja, kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D.19_83_7_2. Il-kerrej preżenti ma jridx jibqa' fil-kirja u terz interessat lest li jidħol għar-rimanenti perjodu ta' din il-kirja. Dan it-terz interessat għandu d-dritt tal-ewwel rifjut riżervat favurih skont Artikolu Nru. 3 (1) tal-Avviż Legali Nru. 573.02. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €10,503 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' tlett elef u ħames mija u wieħed ewro (€3,501) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Irid isir ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Avviż Nru. 21. Kiri, għall-perjodu li fadal tal-kirja preżenti li jintemm fil-1 ta' Ottubru, 2026, tal-ħanut vojt Nru. 2 tale quale f'Nru. 36, Triq il-Kunvent, Ħaż-Żabbar, kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D.53_2004_1_A_1. Il-kerrej preżenti ma jridx jibqa' fil-kirja u terz interessat lest li jidħol għar-rimanenti perjodu ta' din il-kirja. Dan it-terz interessat għandu d-dritt tal-ewwel rifjut riżervat favurih skont Artikolu Nru. 3 (1) tal-Avviż Legali Nru. 573.02. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €13,143 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' erbat elef u tliet mija u wieħed u tmenin ewro u erba' ċenteżmi (€4,381.04) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Irid isir ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Avviż Nru. 22. Kiri għall-perjodu ta' ħmistax-il (15) sena għal skopijiet kummerċjali tal-fond tale quale f'Nru. 30 (qabel Nru. 32) Triq Nazzarenu, Il-Ħamrun, bl-għoli ta' erbatax-il (14) filata kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D.2012_107. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €12,600 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' erbat elef u mitejn ewro (€4,200) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta

LANDS AUTHORITY

The Chief Executive Officer, Lands Authority, notifies that:

Sealed tenders in respect of the following advertisements have to be deposited in the tender box at the Lands Authority, Auberge de Baviere, Valletta, by 10.00 a.m. on Thursday, 11th May, 2023.

Advt No. 19. Lease for a period of fifteen (15) years for commercial purposes of the premises tale quale at No. 11, Triq il-Lvant, Valletta, as shown edged in red on the plan P.D.2020_0790. This property is being offered by tender in its present state including any latent defects. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €20,250 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of six thousand and seven hundred and fifty euro (€6,750) per annum will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender document.

Advt No. 20. Lease, for the remaining period of the present lease which ends on the 14th March, 2024, of the bare shop tale quale at No. 1, Triq Hal Tarxien at Tal-Mithna Housing Estate, Gudja, as shown edged in red on plan P.D.19_83_7_2. The present tenant does not want to remain in the lease and an interested third party is ready to assume the remaining term of this lease. The interested third party has been reserved the right of first refusal as per Article No. 3 (1) of Legal Notice 573.02. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €10,503 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of three thousand and five hundred and one euro (€3,501) per annum will not be considered. A fee of €50 will be charged for the tender documents.

Advt No. 21. Lease, for the remaining period of the present lease which ends on the 1st October, 2026, of the bare shop No. 2 tale quale at No. 36, Triq il-Kunvent, Ħaż-Żabbar as shown edged in red on plan P.D.53_2004_1_A_1. The present tenant does not want to remain in the lease and an interested third party is ready to assume the remaining term of this lease. The interested third party has been reserved the right of first refusal as per Article No. 3 (1) of Legal Notice 573.02. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €13,143 as stipulated in the tender conditions.Offers below the amount of four thousand and three hundred and eighty-one euro and four cents (€4,381.04) per annum will not be considered. A fee of €50 will be charged for the tender documents.

Advt No. 22. Lease for a period of fifteen (15) years for commercial purposes of the premises tale quale at No. 30 (previously No. 32) Triq Nazzarenu, Ħamrun, at the height of fourteen (14) courses (filati) as shown edged in red on the plan P.D.2012_107. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €12,600 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of four thousand and two hundred euro (€4,200) per annum will not be considered.This

tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir il-ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Avviż Nru. 23. Bejgħ tale quale ta' sit fi Triq San Mikiel, Il-Fgura, kif muri bl-aħmar u deskritt bid-dettall fuq il-pjanta P.D.2015_0991_1. Dan is-sit huwa l-arja ta' fuq substation hu huwa mill-għoli ta' sittax il-filata 'il fuq. Dan is-sit huwa suġġett għall-kundizzjonijiet li ġejjin minn Enemalta: L-istruttura tas-substation ma tistax tiġi mibdula u struttura indipendenti trid tiġi mtellgħa fuq is-substation; il-mekkaniżmi ta' ventilazzjoni ma jistgħux jiġu mibdula sakemm ma jkunx hemm qbil ma' Enemalta; is-substaion trid tibqa taħdem il-ħin kollu. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €7,200 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' tnejn u sebgħin elf ewro (€72,000) ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir il-ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Avviż Nru. 24. Kiri għall-perjodu ta' ħmistax-il (15) sena għal skopijiet kummerċjali ta' fond tale quale u fl-istat li jinsab fih inklużi xi difetti li jista' jkun hemm moħbija f'Nru. 69b, Triq Zekka, Il-Belt Valletta, muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D.49_2004_1. Dan il-fond huwa suġġett għal servitujiet eżistenti favur proprjetajiet adjaċenti. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €10,800 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' tlett elef u sitt mitt ewro (€3,600) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir il-ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Dawn l-avviżi qegħdin jiġu ppubblikati bħala stedina għall-pubbliku sabiex jakkwista d-dokumenti tal-offerta online. L-offerenti għandhom jirreferu għall-kundizzjonijiet kollha tad-dokument tal-offerta u huma mistiedna li jaqraw sew dawn id-dokumenti. L-offerti għandhom isiru biss fuq il-formola preskritta li, flimkien mal-kundizzjonijiet rilevanti u dokumenti oħra, jistgħu jinkisbu billi tagħfas fuq 'Buy Tender' fuq il-paġna ta' din l-offerta fis-sit (https://landsauthority.org.mt/services/tendering/). Il-ħlas huwa ta' ħamsin ewro (€50) li jitħallas permezz tas-sistema online tas-sit tal-Awtorità tal-Artijiet bil-card bankarja preferuta.

It-2 ta' Mejju, 2023

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

Id-Direttur Maniġerjali (Sourcing and Supplies Management) għas-Central Procurement u Supplies Unit fil-Ministeru għas-Saħħa, jgħarraf illi s-sottomissjonijiet tal-ERU Competitive Calls imniżżla hawn taħt għandhom jintlaqgħu sal-10.00 a.m. tal-Ġimgħa, 5 ta' Mejju, 2023.

ERU Ref. ERU2704U23 – Medicinals

tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender document.

Advt No. 23. Sale tale quale of a site at Triq San Mikiel, Fgura, as shown edged in red and in described in detail on the plan P.D.2015_0991_1. This site is the airspace of a substation which is from the height of sixteen (16) courses (filati) upwards. This site is subject to the following conditions from Enemalta: The substation structure shall not be altered and a separate independent structure shall roof over the substation; the ventilation mechanisms of the substation shall not be altered unless agreed by Enemalta; the substation shall remain operational at all times. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €7,200 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of seventy-two thousand euro (€72,000) will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender document.

Advert No. 24. Lease for a period of fifteen (15) years for commercial purposes of the premises tale quale in its present state including any latent defects at No.69b, Triq Zekka, Valletta, as shown edged in red on the plan P.D.49_2004_1. This premises is subject to existing servitudes in favour of adjacent properties. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €10,800 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of three thousand and six hundred euro (€3,600) per annum will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender document.

These adverts are being published as an invitation to the public to acquire tender documents online. The bidders are to refer to all the conditions of the tender document and are invited to read carefully these conditions. Tenders should be submitted only on the prescribed form, which together with the relevant conditions and other documents, may be obtained by clicking on 'Buy Tender' on the web page where this tender is available on (https://landsauthority.org.mt/services/tendering/). A fee of fifty euro (€50) must be paid through the online system of the Lands Authority website by using preferred banking card.

2nd May, 2023

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The Managing Director (Sourcing and Supplies Management) for the Central Procurement and Supplies Unit within the Ministry for Health, notifies that submissions for the below listed ERU Competitive Calls will be received up to 10.00 a.m. on Friday, 5th May, 2023.

ERU Ref. ERU2704U23 – Medicinals

ERU Ref. ERU2704U23A
ERU Ref. ERU2704U23 – Devices

Sejħiet kompetittivi tal-Emergency Response Unit (ERU) jistgħu jitniżżlu mis-sit elettroniku tas-CPSU.

Sottomissjonijiet għal din is-sejħa għal kompetizzjoni għandhom jiġu sottomessi skont l-istruzzjonijiet mogħtija fid-dossier.

It-2 ta' Mejju, 2023

ERU Ref. ERU2704U23A
ERU Ref. ERU2704U23 – Devices

Emergency Response Unit (ERU) Competitive Calls can be downloaded from the CPSU Website.

Submissions for this call for competition are to be submitted as per instructions given in the dossier.

2nd May, 2023

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

938

B'digriet mogħti mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-15 ta' Marzu, 2023, fl-atti Rikors tal-Appell numru 315/2020 fl-ismijiet Brian Darmanin vs Ian Tabone, il-Qorti ordnat is-segwenti pubblikazzjoni fil-konfront tal-imsemmi Ian Tabone a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Permezz ta' Rikors tal-Appell numru 315/2020 ippreżentat fit-28 ta' Ottubru, 2022, fl-ismijiet Brian Darmanin vs Ian Tabone, l-appellant Brian Darmanin ħassu aggravat bis-sentenza tat-12 ta' Ottubru, 2022, tat-Tribunal Għal Talbiet Żgħar.

Illi l-aggravji huma ċari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti: i) it-Tribunal kien żbaljat meta akkorda l-ammont ta' disgħa u tletin ewro in linea tad-danni sofferti mill-appellant minflok l-ammont ta' ħamest elef ewro; ii) it-Tribunal imsemmi ma għamilx apprezzament korrett tal-provi; iii) l-istess Tribunal għamel żball ta' kalkolu; u iv) it-Tribunal iddeċieda ħażin dwar l-ispejjeż ġudizzjarji.

Għaldaqstant, l-appellant jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti, jogħġobha tirriforma parti tas-sentenza tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar tat-tnax (12) ta' Ottubru, 2022, fejn laqa' t-talbiet tal-appellant u tirrevokha fil-bqija ċjoè fejn t-Tribunal illimita d-danni sofferti mill-appellant u minflok tillikwida d-danni sofferti għall-ammont kollu mitlub, u ċjoè għal ħamest elef ewro oltre l-imgħax u tordna lill-appellat konvenut iħallas l-istess danni flimkien mal-ispejjeż taż-żewg istanzi.

Ir-Rikors tal-Appell numru 315/2020 fl-ismijiet premessi Brian Darmanin vs Ian Tabone jinsab differit għat-12 ta' Mejju, 2023, fid-9.20 a.m.

Notifika: Ian Tabone, 56, View Point FI 1, Triq l-Indipendenza, Ħal Għargħur

Reġistru tal-Qorti tal-Appell, illum 26 ta' April, 2023

DOTT. FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree delivered by the Court of Appeal (Inferior Jurisdiction) on 15th March, 2023, in the records of Appeal Application number 315/2020 in the names Brian Darmanin vs. Ian Tabone, the following publication was ordered in regard to the said Ian Tabone pursuant to section 187(3) et sequitur of Cap. 12 of the Laws of Malta.

By means of Appeal Application number 315/2020 filed on 28th October, 2022, in the names Brian Darmanin vs Ian Tabone, the appellant Brian Darmanin felt aggrieved by the judgment of 12th October, 2022, delivered by the Small Claims Tribunal.

Whereas the grievances are clear and manifest and consist of the following: i) the Tribunal erred when it awarded the amount of thirty-nine euros as damages suffered by the appellant instead of the amount of five thousand euros; ii) the aforementioned Tribunal did not make a correct evaluation of the evidence; iii) the same Tribunal made a calculation error; and iv) the Tribunal was erroneous in its decision on judicial costs.

Therefore, the appellant respectfully asks this Honourable Court to reform part of the judgment of the Small Claims Tribunal of the twelfth (12) of October, 2022, wherein it upheld the appellant's requests and to revoke it in the remaining part, that is where the Tribunal limited the damages suffered by the appellant and instead liquidate the damages suffered for the entire amount requested, and that in the sum of five thousand euro plus interests and to order the respondent defendant to pay the same damages together with the costs of both instances.

Appeal Application number 315/2020 in the names Brian Darmanin vs Ian Tabone is deferred to 12th May, 2023, at 9.20 a.m.

Notification: Ian Tabone, 56, View Point FI 1, Triq l-Indipendenza, Ħal Għargħur

Registry of the Court of Appeal (Inferior Jurisdiction), this day the 26th April, 2023

DR FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
For Registrar, Civil Court and Tribunals

939

B'digriet mogħti mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-15 ta' Frar, 2023, fl-atti Rikors tal-Appell numru 43/2012, fl-ismijiet Mary Stella Catania (passaport Malti numru 594250) personalment u bħala mandatarju tal-assenti Anthony Fenech (passaport Malti numru 317710), Gertrude Campbell (passaport Kanadiż JR 833420), Martin Fenech (passaport Kanadiż VN 376213), Silvana Buchanan (passaport Kanadiż VG 373819), Veronica Downey (passaport Kanadiż JR 833420), Sephora Fenech (passaport Ingliż 119594), Imperia Thomson (passaport Kanadiż JR 823478), Dolores Marie Fenech (passaport Kanadiż JR 811165) vs Mary Galea (KI 495435M) u Richard Galea (KI 410459M) u b'digriet tal-Bord tat-30 ta' Lulju, 2013, kien kjamat inkawża Lewis Fenech u b'digriet tal-Bord tal-25 ta' Mejju, 2017, wara li miet Luigi Fenech saret it-trasfużjoni tal-ġudizzju tal-kjamat fil-kawża Luigi Fenech f'isem l-eredi tiegħu Gertrude Campbell ordnat is-segwenti pubblikazzjoni fil-konfront tal-imsemmija Mary Galea u Richard Galea a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Permezz ta' Rikors tal-Appell numru 43/2012 ippreżentat fl-1 ta' Awwissu, 2022, fl-ismijiet Mary Stella Catania et vs Mary Galea et, l-appellanti Mary Stella Catania et ħassewhom aggravati bid-deċiżjoni parzjali mogħtija mill-Bord li Jirregola l-Kera fil-kawża b'rikors numru 43/2012 MV, nhar it-12 ta' Lulju, 2022, fl-ismijiet premessi:

Illi l-aggravji huma ċari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti: i) il-Bord imsemmi naqas milli jikkunsidra l-provi evidenti rigward is-sottomissjoni tal-fond lokatizzju ma jservix bħala r-residenza primarja tal-intimati appellati; ii) dan il-Bord kien erronju fil-konklużjoni li r-rikorrent naqsu milli jġibu prova tal-allegati ħsarat; iii) il-Bord imsemmi naqas milli jikkunsidra l-oneru tal-prova tal-kunsens għal tibdil strutturali; iv) il-Bord imsemmi naqas milli jikkunsidra l-fatt li x-xogħlijiet li saru ma kinux koperti bil-permessi neċessarji.

Għaldaqstant, ir-rikorrenti appellanti, f'dan l-istadju jitolbu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tħassar u tibdel id-deċiżjoni mogħtija nhar it-12 ta' Lulju, 2022, fl-ismijiet premessi, bin-numru 43/2012 MV, billi tilqa' l-aggravji mressqa fl-appell odjern u konsegwentement tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha mressqa mill-intimati appellati fl-intier tagħhom bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-intimati appellati.

Ir-Rikors tal-Appell numru 43/2012 fl-ismijiet premessi Mary Stella Catania et vs Mary Galea et jinsab iddifferit għall-24 ta' Mejju, 2023, fid-9.10 a.m.

Notifika: Mary Galea u Richard Galea, 37, Appartament Numru Tnejn, Triq il-Magna tas-Serrar, L-Imsida

